B 2321

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,299, 22 ta' Novembru, 2019
Taqsima B

A.L. 309 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 486 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (6) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (5) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali:

"(6) Matul l-ewwel sena tal-Kors, l-istudenti li jiġu aċċettati jistgħu jkunu meħtieġa wkoll joqogħdu għall-*occupational health assessment* biex ikun aċċertat li huma tajbin għad-dmirijiet li jġibuhom f'kuntatt mal-ambjent kliniku. L-istudenti li ma jissodisfawx dan ir-rekwiżit jistgħu ma jitħallewx ikomplu bl-istudji tagħhom. In-nuqqas li tiżvela informazzjoni dwar problema ta' saħħa fiżika jew mentali li tista' taffettwa s-sigurta' ta' pazjent hija kkunsidrata bħala ksur serju tar-Regolamenti tal-Università dwar Kompetenza għall-Prattika."